**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-14 ta' Diċembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunalul Alba — ir-Rumanija) — Corpul Național al Polițiștilor vs Ministerul Administrației și Internelor (MAI), Inspectoratul General al Poliției Române (IGPR), Inspectoratul de Poliție al Județului Alba (IPJ)**

**(Kawża C-434/11)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Ammissibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi tnaqqis fis-salarji fir-rigward ta' diversi kategoriji ta' uffiċjali pubbliċi — Nuqqas ta' implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)***

(2012/C 73/22)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Alba

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Corpul Național al Polițiștilor

*Konvenuti:* Ministerul Administrației și Internelor (MAI), Inspectoratul General al Poliției Române (IGPR), Inspectoratul de Poliție al Județului Alba (IPJ)

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunalul Alba — Interpretazzjoni tal-Artikoli 17(1), 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Ammissibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi tnaqqis fis-salarji ta' diversi kategoriji ta' uffiċjali pubbliċi — Ksur tad-dritt għall-proprjetà u tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni

**Dispożittiv**

*Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tirrispondi għad-domanda preliminari, magħmula mit-Tribunalul Alba (ir-Rumanija), permezz tad-deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 2011.*

[1] ĠU C 331, 12.11.2011

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-14 ta' Diċembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunalul Dâmbovița — ir-Rumanija) — Victos Cozman vs Teatrul Municipal Târgoviște**

**(Kawża C-462/11)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protokoll Addizzjonali Nru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali — Ammissibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi tnaqqis fis-salarji ta' diversi kategoriji ta' uffiċjali pubbliċi — Nuqqas ta' implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)***

(2012/C 73/23)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Dâmbovița

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Victos Cozman

*Konvenuta:* Teatrul Municipal Târgoviște

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunalul Dâmbovița — Interpretazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali — Ammissibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi tnaqqis fis-salarji ta' diversi kategoriji ta' uffiċjali pubbliċi — Natura tad-dritt għal salarju

**Dispożittiv**

*Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tirrispondi għad-domandi preliminari, magħmula mit-Tribunalul Dâmbovița (ir-Rumanija), permezz tad-deċiżjoni tas-7 ta' Frar 2011.*

[1] ĠU C 331, 12.11.2011